2024/3136

18.12.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3136

tas-17 ta' Diċembru 2024

dwar il-ħatra tal-president u tal-membri u s-sostituti tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network u tal-membri u s-sostituti tagħhom taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni għall-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għall-2025 u l-2026

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2803 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar l-Implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37(5) u 38(15) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/2803 jistabbilixxi fl-Artikolu 38(14) Bord ta' Ġestjoni tan-Network (il-Bord) biex jiżgura governanza xierqa fuq l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tan-network. Ir-regoli dettaljati dwar il-kompożizzjoni, il-funzjonament u r-responsabbiltajiet u l-mekkaniżmi ta' governanza tan-network tal-Bord iridu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([2]) jirreferi għall-Bord fl-Artikolu 18 tiegħu. Jistabbilixxi wkoll, fl-Artikolu 19 tiegħu, Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni (iċ-Ċellula) biex tiġi żgurata ġestjoni tal-kriżijiet effettiva fil-livell tan-network. Sakemm jiġi rivedut wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/2803, għandu japplika bil-modifiki meħtieġa li jkunu saru (*mutatis mutandis*) biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet.

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-Bord u taċ-Ċellula sal-adozzjoni ta' Regolament ta' Implimentazzjoni rivedut, il-president, il-viċi presidenti, il-membri u l-osservaturi tal-Bord u s-sostituti tagħhom u l-membri taċ-Ċellula u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru għal sentejn.

(4) F'April 2024, il-membri votanti pproponew b'mod unanimu l-president kandidat għall-Bord il-ġdid.

(5) F'Ġunju 2024, l-entitajiet li jridu jiġu rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija tan-Netwerk ippropponew żewġ viċi presidenti u membri u sostituti kandidati votanti għall-Bord tat-Tmexxija tan-Network.

(6) F'Ġunju 2024, skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123, l-Eurocontrol ippropona l-membri kandidati mhux votanti li jirrappreżentaw il-forniturі ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru tal-pajjiżi assoċjati biex jidħlu fil-Bord il-ġdid.

(7) F'Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' talbiet għall-istatus ta' osservatur fil-Bord.

(8) F'Ġunju 2024, l-organizzazzjonijiet li għandhom ikunu rappreżentati fiċ-Ċellula pproponew in-nomini tagħhom għaċ-Ċellula.

(9) F'konformità ma' dawk il-proposti, għandhom jinħatru l-president, il-viċi presidenti, il-membri u l-osservaturi tal-Bord u s-sostituti tagħhom, kif ukoll il-membri taċ-Ċellula u s-sostituti tagħhom.

([1]) (ĠU L, 2024/2803, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2803/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/123/oj).

(10) Ġaladarba l-mandat tal-Bord attwali jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ b'urġenza sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni maħruġa mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, stabbilit bl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2024/2803,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness I għandhom jinħatru bħala membri, sostituti, u osservaturi tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network, fil-kariga msemmija f'dak l-Anness, mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 2

Il-persuni elenkati fl-Anness II għandhom jinħatru bħala l-membri u s-sostituti tagħhom taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni, fil-kariga msemmija f'dak l-Anness, mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

ĦATRIET TAL-MEMBRI BID-DRITT TAL-VOT U TAL-MEMBRI MINGĦAJRU U TAS-SOSTITUTI TAGĦHOM KIF UKOLL TAL-OSSERVATURI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA TAN-NETWORK

Il-President:	Is-Sur Enrique MAURER SOMOLINOS Id-Direttur Ġenerali ENAIRE
L-ewwel Viċi President:	Is-Sur Rory SERGISON Il-Kap inkarigat mill-Infrastruttura tal-ATM - is-Sikurezza Reġjonali fl-Ewropa u l-Operazzjonijiet tat-Titjiriet IATA
It-tieni Viċi President:	Is-Sur Giovanni RUSSO Il-Kap Operattiv L-Ajruport ta' Ġinevra

Utenti tal-ispazju tal-ajru		
	Membri bid-dritt tal-vot	Sostituti
AIRE/ERA	Is-Sa Dorota DMUCHOWSKA L-Uffiċjal Kap Operattiv Membru tal-Bord tat-Tmexxija LOT Polish Airlines – f'isem l-AIRE	Is-Sur Jean FELON Il-Kap inkarigat ċ-Ċentru tal-Kontroll tal-Operazzjonijiet Luxair – f'isem l-ERA
A4E	Is-Sur Neal MCMAHON L-Uffiċjal Kap Operattiv Ryanair – f'isem l-A4E	Is-Sut Jörn MESSNER Il-Kap inkarigat mill-Innovazzjoni u t-Tech FactoryLHA MUC Lufthansa Group – f'isem l-A4E
IATA	Is-Sur Rory SERGISON Il-Kap inkarigat mill-Infrastruttura tal-ATM - is-Sikurezza Reġjonali fl-Ewropa u l-Operazzjonijiet tat-Titjiriet International Air Transport Association (IATA)	Is-Sa Elena Vega Fernandez L-Assistent Direttur inkarigata mill-Infrastruttura tal-ATM fl-Ewropa L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA)
EBAA/IAOPA/EAS	Is-Sa Melissa CAPIZZI Il-Maniġer tal-Affarijiet Operazzjonali L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Avjazzjoni għal Skop ta' Negozju (EBAA)	Is-Sur Robert BALTUS Il-Kap Operattiv L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Avjazzjoni għal Skop ta' Negozju (EBAA)

Forniturі ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru għal kull blokka tal-ispazju tal-ajru funzjonali		
	Membri bid-dritt tal-vot	Sostituti
PANSA - il-Polonja Oro Navigacija – il-Litwanja	Is-Sa Magdalena JAWORSKA-MAĆKOWIAK Il-President PANSA	Is-Sur Tomas MONTVILA L-Uffiċjal Kap Operattiv Oro Navigacija
ENAV - l-Italja MATS - Malta HASP - il-Greċja DCA - Ċipru	Is-Sur Haris ANTONIADES L-Uffiċjal Kap Operattiv (ANS) DCA - Ċipru	Is-Sa Despoina PAPANDREOU Il-Kap tat-Taqsima tal-Maniġment u l-Iżvilupp tal-ANS HASP
BULATSA - il-Bulgarija ROMATSA - ir-Rumanija	Is-Sur Adrian COJOC Id-Direttur Ġenerali ROMATSA	Is-Sur Georgi PEEV Id-Direttur Ġenerali BULATSA
NAVIAIR - id-Danimarka LFV - l-Iżvezja	Is-Sur Thorsten ELKJAER Il-Kap Operattiv NAVIAIR	Is-Sur Petter EKLUND Il-Kap operattiv/ Direttur tal-En-route LFV

Fornituri ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru għal kull blokka tal-ispazju tal-ajru funzjonali		
	Membri bid-dritt tal-vot	Sostituti
L-ATS tas-Slovakkja L-ANS taċ-Ċekja Austro Control - l-Awstrija HungaroControl - l-Ungerija Croatia Control - il-Kroazja Slovenia Control - is-Slovenja BHANSA - il-Bożnija-Ħerzegovina	Is-Sur Gábor MENRÁTH Il-Viċi Kap Eżekuttiv, l-Uffiċjal Kap Operattiv HungaroControl	Is-Sur Petr FAJTL Id-Direttur Eżekuttiv inkarigat mill-Operazzjonijiet tal-ANS CR
DFS - il-Ġermanja skeyes - il-Belġju DSNA - Franza ANA - il-Lussemburgu LVNL - in-Netherlands Skyguide - l-Iżvizzera	Is-Sur Dirk MAHNS, il-Kap Operattiv tad-DFS	Is-Sur Frédéric GUIGNIER Id-Direttur tad-DSNA DSNA Is-Sur Raimund FRIDRICH Il-Kap tal-Uffiċċju tal-FABEC ANSP
EANS - l-Estonja Fintraffic - il-Finlandja LGS - il-Latvja Avinor - in-Norveġja	Is-Sur Christer BJÖRKMAN Il-Viċi President tal-International & Network ANS Fintraffic ANS	Is-Sur Aivars PŪCĪTIS Membru tal-Bord tat-Tmexxija SJSC Latvijas gaisa satiksme
NAV Portugal ENAIRE - Spanja	Is-Sur Pedro Barata Id-Direttur inkarigat mill-uffiċċju tal-istrateġija, tal-ippjanar, u tar-relazzjonijiet esterni Navegacao Aerea de Portugal (NAV Portugal)	Is-Sa Laura GARCÉS ACÍN Il-Viċi Direttur inkarigata mis-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru ENAIRE
AirNav Ireland	Is-Sur David USHER Il-Kap inkarigat min-Network, mill-Ispazju tal-Ajru, u mill-Involviment tal-Partijiet Ikkonċernati AirNav Ireland	Is-Sur Joe RYAN Il-Maniġer tan-Network Nazzjonali AirNav Ireland

Operaturi tal-ajruporti		
	Membri bid-dritt tal-vot	Sostituti
	is-Sur Giovanni RUSSO Il-Kap Operattiv L-Ajruport ta' Ġinevra	Is-Sur Ivan BASSATO Il-Kap Operattiv Aeroporti di Roma
	Is-Sur Alessandro FIDATO Il-Kap Operattiv SEA Milano Airports	Is-Sur Thomas ROMIG Il-Kap Operattiv L-Ajruport ta' Brussell

Militar		
	Membri bid-dritt tal-vot	Sostituti
Il-Fornituri Militari tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru	Il-Kurunell Raymond MARTIN Il-Kap inkarigat mis-Servizz tat-Traffiku tal-Ajru Irish Air Corps HQ	Il-Kurunell Matthias LÖWA Id-Direttur tal-ATM L-Awtorità tal-Avjazzjoni Militari, il-Ġermanja
L-utenti militari tal-ispazju tal-ajru	Il-Brigadier Ġenerali Lionel BAVEREY Id-Direttur tal-ATM tal-militar Franċiż L-Awtorità Statali Franċiża għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni	Il-Kurunell Thierry BRETOS Il-Kap tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Internazzjonali - L-Ajru Uniku Ewropew L-Awtorità Statali Franċiża għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

President tal-Bord tat-Tmexxija tan-Network		
	Membru mingħajr id-dritt tal-vot	Sostitut
	Is-Sur Enrique MAURER SOMOLINOS Id-Direttur Ġenerali ENAIRE	Is-Sur Rory SERGISON Il-Kap inkarigat mill-Infrastruttura tal-ATM fl-Ewropa - is-Sikurezza Reġjonali u l-Operazzjonijiet tat-Titjiriet IATA
		Is-Sur Giovanni RUSSO Il-Kap Operattiv L-Ajruport ta' Ġinevra

Il-Kummissjoni Ewropea		
	Membru mingħajr id-dritt tal-vot	Sostitut
	Is-Sa Maria De Las Flores DIAZ PULIDO Il-Kap tal-Unità tal-Ajru Uniku Ewropew fid-DĠ MOVE tal-Kummissjoni Ewropea	Is-Sur Staffan EKWALL Uffiċjal għall-Politika DĠ MOVE tal-Kummissjoni Ewropea

Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA		
	Membru mingħajr id-dritt tal-vot	Sostitut
	Is-Sur Gunnar Örn INDRIÐASON Uffiċjal Legali Prinċipali għat-Trasport u l-Konnettività L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA	Is-Sa Valgerður Guðmundsdóttir, iL-Viċi Direttur għat-Trasport u l-Konnettività L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
Maniġer tan-Network		
	Membru mingħajr id-dritt tal-vot	Sostitut
	Is-Sur Iacopo PRISSINOTTI Id-Direttur tal-Ġestjoni tan-Network Id-Direttorat tal-Ġestjoni tan-Network EUROCONTROL,	Is-Sur Razvan BUCUROIU Il-Kap tat-Taqsima tal-Ispazju tal-Ajru u tal-Kapaċità Id-Direttorat tal-Ġestjoni tan-Network EUROCONTROL,

President tal-grupp ta' ħidma dwar l-operazzjonijiet (NDOP)		
	Membru mingħajr id-dritt tal-vot	Sostitut
	Is-Sur Adrian FLOREA Id-Direttur tal-Operazzjonijiet ROMATSA	Is-Sur Guillaume BLANDEL Id-Direttur tal-Operazzjonijiet DSNA

Ir-Rappreżentanti tal-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru tal-pajjiżi assoċjati		
	Membri mingħajr id-dritt tal-vot	Sostituti
L-1 ta'Jannar 2025 - il-31 ta' Diċembru 2025	Is-Sur Davorin PRIMORAC Il-Kap Eżekuttiv BHANSA	Is-Sur Tomislav ŠIMIĆ L-ippjanar Finanzjarju BHANSA
L-1 ta' Jannar 2025 - il-31 ta' Diċembru 2025	Dr Cengiz PAŞAOĞLU Il-Viċi Direttur Ġenerali Id-Direttorat Ġenerali tal-Awtorità tal-Ajruporti Statali	Is-Sur Ilker ÖDEMIŞ Il-Viċi Kap tad-Direttur tan-Navigazzjoni bl-Ajru Id-Direttorat Ġenerali tal-Awtorità tal-Ajruporti Statali

Eurocontrol		
	Membru mingħajr id-dritt tal-vot	Sostitut
	Is-Sur Raúl MEDINA CABALLERO Id-Direttur Ġenerali EUROCONTROL,	Is-Sa Marylin BASTIN Il-Kap tal-Unità, Is-Sostenibbiltà tal-Avjazzjoni EUROCONTROL

Osservaturi		
	Is-Sur Christophe VIVIER Il-Kap tal-Unità tal-Ajru Uniku Ewropew L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża	
	Is-Sur Athanassios TZIOLAS Il-Kap tad-Dipartiment tat-Traffiku tal-Ajru L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea	
	Is-Sa Cathy MANNION Il-President Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew	
	Is-Sur Andreas BOSCHEN Id-Direttur Eżekuttiv L-Impriża Konġunta SESAR 3	
	Is-Sa Mariagrazia LA PISCOPIA Id-Direttur Eżekuttiv Il-Maniġer tal-Mobilizzazzjoni tas-SESAR	

ANNESS II

ĦATRIET TAL-MEMBRI PERMANENTI TAĊ-ĊELLULA EWROPEA TA' KOORDINAZZJONI TAL-KRIŻIJIET FIS-SETTUR TAL-AVJAZZJONI U TAS-SOSTITUTI TAGĦHOM

Stati Membri		
	Membru	Sostitut
	Ir-rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	Ir-rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Stati tal-EFTA		
	Membru	Sostitut
	Ir-Rappreżentant tal-Istat tal-EFTA li jkollu l-Presidenza tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA	Ir-rappreżentant tal-Istat tal-EFTA li jkollu l-Presidenza tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA

Il-Kummissjoni Ewropea		
	Membru	Sostitut
	Is-Sa Maria De Las Flores DIAZ PULIDO Il-Kap tal-Unità tal-Ajru Uniku Ewropew fid-DĠ MOVE Il-Kummissjoni Ewropea	Is-Sur Staffan EKWALL l-Uffiċjal tal-Politika DĠ MOVE Il-Kummissjoni Ewropea

Aġenzija		
	Membru	Sostitut
	Is-Sur Fabio GRASSO Il-Maniġer tat-Taqsima tal-Istandards tal-ATM u tal-Implimentazzjoni EASA	Is-Sur Augustin KLUS L-Espert Prinċipali u l-Espert tal-ATS EASA

Eurocontrol		
	Membru	Sostitut
	Is-Sur Enrique FRAILE-RIESCO Il-Kap tal-Persunal EUROCONTROL	Is-Sur Philip HUGHES Il-Kap tat-Taqsima tal-EGSD/PCS EUROCONTROL

Maniġer tan-Network		
	Membru	Sostitut
	Is-Sur Iacopo PRISSINOTTI Id-Direttur tal-Ġestjoni tan-Network EUROCONTROL	Is-Sur Steven MOORE Il-Maniġer Operazzjonali tal-EACCC Id-Direttorat tal-Ġestjoni tan-Network EUROCONTROL

Militar		
	Membru	Sostitut
	Il-Logutenent Kurunell Adam KARWOTH L-Awtorità Ġermaniża tal-Avjazzjoni Militari	Il-Kurunell Thierry BRETOS L-Awtorità Franċiża tal-Avjazzjoni Militari

Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru		
	Membru	Sostitut
	Is-Sa Tanja GROBOTEK CANSO	Is-Sur Rafał MARCZEWSKI Id-Direttur tal-Istrateġija, l-Affarijiet Internazzjonali, u l-Proġetti PANSA

Operaturi tal-ajruporti		
	Membru	Sostitut
	Is-Sur Rick MERNOCK ACI-Europe	Is-Sur Yves BROUWERS L-Ajruport ta' Brussell ACI-Europe

Utenti tal-ispazju tal-ajru		
	Membru	Sostitut
	Is-Sur Carlo VERELST Il-membru tal-EACCC Il-maniġer tal-IATA inkarigat mill-Infrastruttura tal-ATM fl-Ewropa	Is-Sur Rory SERGISON Il-Kap inkarigat mis-Sikurezza Reġjonali tal-Infrastruttura tal-ATM fl-Ewropa u mill-Operazzjonijiet tat-Titjiriet IATA

Utenti tal-ispazju tal-ajru #2		
	Membru	Sostitut
	Is-Sur Achim BAUMANN Il-membru tal-EACCC A4E	Is-Sur Chris WOODLAND Is-sostitut tal-EACCC AOLC